KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Id-Disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 17 ta' Diċembru, 2025, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Mario Calleja
Jean Carl Agius Ciscaldi
Maria Baldacchino
Vince Bonello

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aymen Grech Pace
Maria Mallia
Antoine Vassallo

**ASSENTI**

Ħadd

---

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

**19.02** **Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

19.02.01 Il-kameras ta' Pjazza 7 ta' Ġunju jidher li qed ikunu effiċenti għax is-sitwazzjoni trangat ħafna. L-iskart mhux fil-ġuranta tiegħu naqas.

19.02.02 Ix-xogħol fuq il-proġett tar-Roof Garden mixi tajjeb, u jidher li sa Frar għandu jkun lest kompletament. Ġenjna nfurmali li l-ħamrija waslet u anke railings biex b'hekk jibdew il-finishings, però ġie miftiehem li dan ikun lest sal-aħħar ta' Frar. Bħala kunsill għandna lura ta' kif se jkun qed jinħadem l-immaniġġjar tagħhom. Il-Kunsill ukoll jrid jibda jaħdem u jara kif dan il-post ikun attiv filwaqt li nħeġġu lin-nies jużawh. Saret diskussjoni libera biex jiġu avviċinati diversi NGOs biex jagħmlu xi attivitajiet, laqgħat u anke forsi gruppi ambjentali biex jieħdu ħsieb xi zona partikolari.

19.02.03 Ix-xogħolijiet fi Triq San Ġorġ Preca li, qed isiru minn Infrastructure Malta reġaw għaddejjin.

19.02.04 Rigward it-triq fejn hemm l-iskola St Joseph, li qed tingħalaq għax xi ħin, jidher li ma kienx hemm ilmenti kbar. Dan ħareġ wara li saret laqgħa mal-Kap tal-Iskola.

19.02.05 It-tender relatat mal-iskart goff ingħata ġie iffirmat fit-12 ta' Novembru u se jibda fis-seħħ mindak inhar.

19.02.06 It-tender tal-*Carpark* ħareġ u jagħlaq f'Jannar. F'Jannar naraw l-offerti li se jkun hemm.

19.02.07 Triq Oscar Zammit u Triq il-Franġiskani qed insibu xi kwistjonijiet li ġejjin min ħanut partikolari li mhux qed jirrispetta daqstant iż-żona, kemm bħala skart u anke bħala *deliveries.* Min naħa tas-Sindku ħa ħsieb li jkellmu diversi drabi biex jieħu ħsieb jirranġa s-sitwazzjoni. L-abbużi li kien hemm naqsu, però xorta jidher li hemm xi ftit tal-problemi li għandhom hemm u se jiġi indirizzat.

19.02.08 It-tender tal-Konvenjenza Pubblika ħareġ u se jkun qed jagħlaq f'Jannar ukoll. Se jkun qed isir xogħol fuq it-tender tal-knis bit-tama li joħroġ fiż-żmien li ġej. Hekk kif dan jitlesta se jkun qed jiġi preżentat waqt laqgħa għall-approvazzjoni.

19.02.09 Is-Sindku informa lill-kunsillieri li x-xogħol fuq il-proġett taż-żona ta' Atoċja se jibda f'Jannar.

19.02.10 Fuq il-proġett taż-żona tar-Rabbat, is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li ċ-ċertifikat finali mill-perit ħareġ u saret l-applikazzjoni biex jinġiebu fondi minn Ambjent Malta. Huwa qal ukoll li baqa' xi xogħolijiet żgħar speċjalment fejn hemm il-funtana. L-ilma li hemm hu qed jagħmel l-ebda effett u għalhekk se nkunu qed naraw mal-Perit x'jista' jsir. Fuq il funtana se jiżdied xi disinn bil-

mużajk biex ikun hemm effett sabiħ u anke se jkun hemm kitba li se toħloq effett isbaħ.

19.02.11 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li hemm xi *cctv cameras* ġodda fi Triq Brigella. Inxtraqt is-sistema però għadhom mhux installati.

19.02.12 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li l-kunsill se jkun qed jippubblika kalendarju A4 għas-sena 2026 b'ritratti varji tal-Ħamrun.

19.02.13 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li x-xogħol fi Ġnien Oreste Chircop kellu jiġi postpost għax kellhom jeħlu xi lampi issa dawn għadhom ma twaħħlux għal fatt li għadhom ma waslux. Fuq dan il-ġnien hemm kwistjoni ħabba żewġ persuni *homeless*. Ġew avviċinati l-pulizija biex naraw x'jista' jiġri fuq dan il-punt, għal fatt ukoll li l-Kunsill jixtieq li din iż-żona titnaddaf sew, però biex dan isir irid ikun hemm il-preżenza tal-Pulizija. Dawn il-persuni se jiġu avżati li ġejjin bil-pulizija u li jekk mhux se jneħħu l-affarijiet sa ġurnata stipulata se jitneħħew bil-pulizija.

19.02.14 Is-Sindku faħħar lill-Għaqda Immakulata Kunċizzjoni għas-servizz li għamlu f'Carpineto Romano. Kellu laqgħa mas-Sinkdu tal-Lokal u ma' Enteċ Palio u tkellem magħhom fejn ħarġet l-idea li għall-Festival taċ-Ċikkulata jagħmlu xi wirjiet *(shows)*. Hemm il-ħsieb ukoll li jkun hemm triq li tkun iddedikati lilhom fejn jermaw huma biss. Il-ħsieb ta' dan huwa li huma popolari ħafna għal qastan allura jkun hemm parti ddedikata għal hekk. Hemm il-ħsieb ukoll li peress li huma se jkunu hawn qabel tista' ssir xi tip ta' attività ġurnata qabel in-naħa tal-Parroċċa tal-Kunċizzjoni.

19.02.15 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li l-Kunsill se jkun qed japplika għal xi skemi. Bħalissa hemm skemi fosthom ta' mobility scheme, LESA u Community scheme ta' Vops fejn ġew sottomessi applikazzjonijiet għal tnejn – waħda biex isiru 3 attivitajiet filgħodu għat-tfal u l-familji. It-tieni hija biex fi Triq il-Kbira San Ġużepp u Pjazza kappillan se jsiru kameras ultra moderni. Saret diskussjoni libera fuq dan fejn is-Sindku ta' xi informazzjoni teknika fuq dawn il-cameras.

19.02.16 Is-Sindku fakkar li it-Tnejn 22 ta' Diċembru hemm il-festin tal-anzjani fejn s'issa hemm 40 persuna biss. Huwa qal li hu ftit diżappuntat għalhekk huwa mportanti li jiġi mitkellma aktar nies. Huwa qal ukoll li l-ġimgħa ta' wara, 29 ta' Jannar se jkun hemm il-festin tat-tfal.

19.02.17 Wara li l-Kunsill irċieva l-ittra tar-riżenja tal-Kunsilliera is-Sa Carmen Borg, bħalissa hemm il-proċess għan-nomini l-ġodda.

19.02.17 Is-Sindku fakkar lill-kunsillieri li se jsir il-*get together* għall-festi tal-Milied nhar il-Ħadd 28 ta' Diċembru fin-12.30pm tkun ħaġa sabiħa li l-kunsillieri jattendu.

**19.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

| | |
|---|---|
| 19.03.01 | Is-Sindku tkellem fuq għandna tiżjin tal-Milied però mhux kuntent. Huwa qal li tkun ħaġa sabiħa jekk jiżdiedu aktar tiżjin fil-pjazez tagħna, biex ikollna aktar preżenza tal-Milied. Huwa qal li jkun tajjeb li ninvestu u nżidu dan. Huwa saħaq li għandna nibdew naħsbu li jkun hawn aktar attivitajiet fil-Milied. Saret diskussjoni libera fuq dan fejn kien hemm qbil li għandu jiżdiedu l-ispirtu tal-Milied. |
| 19.03.02 | Is-Sindku qal li saru potts ġodda fi Triq San Ġużepp u n-naħa tal-Parroċċa tal-Kunċizzjoni. Mal-proġett ta' Triq il-Kbira San Ġużepp, qed naraw biex jiżdiedu *ashtrays* u anke sinjali oħra. |
| 19.03.03 | Fuq il-potts il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi qal li f'każ li jkun hemm min jitlob xi pott għal triq partikolari jekk dawn jingħatawx. Is-Sindku qal li ma tkunx problema però dak li jkun jrid joffri li jieħu ħsiebha. |
| 19.03.04 | Is-Sindku qal fuq l-awditjar qedin ftit lura. Inħossu diżappuntat li mhux qedin up-to-date. Huwa qal ukoll li issa li ingħalaq l-audit tal-2022 u kien hemm it-talba biex jibdew tas-sena 2023. |
| 19.03.05 | Fuq dan huwa qal li l-Kunsill talab l-għajnuna lid-dipartiment għal fatt li l-accountant preżenti li m'għandix riżorsi fejn kien hemm qbil li se jagħtu l-għajnuna. Talab l-approvazzjoni biex tingħata din l-għajnuna. Se nkunu qed naħdmu fuq tender ġdid però nridu naraw kif se nagħmlu biex ikollna accountants aktar tajbin u effiċenti. Saret diskussjoni libera fuq dan, u dan il-ħlas għall-għajnuna ġiet approvata. |
| 19.03.06 | Is-Sindku qal li hemm bżonn isir update fis-SAGE biex il-ħidma tibda tkun aħjar, a bażi ta' cloud. Kunsill approva |
| 19.03.07 | Laqgħa ma' Serrone .. jistgħu jsiru bħal kors ta' xogħol ta' ħjata, exchanges u attivitajiet oħra |
| 19.03.08 | Is-Sindku qal ukoll li ir-restawr fuq Palazzo Blacas beda fuq il-ġemb tiegħu u is-sena li ġejja se jibda tal-faċċata. Dan ukoll se jkun qed jixtel bid-dawl. |
| 19.03.09 | Is-Sindku qal ukoll li sar survey fuq Pjazza San Pawl biex naraw il-possibilita li jinbidel il-layout tagħha. |
| 19.03.10 | Is-Sindku qal li fejn jidħlu skemi, ninsabu up to date, baqa' l-aħħar ftit affarijiet biex jingħalqu kollha u eventwalment jidħlu l-fondi. |
| 19.03.11 | Is-Sindku nforma ukoll lill-kunsilliera fuq laqgħa tassew tajbva li kien hemm mas-Sindku u rappreżentanti ta' Serrone, fejn ġew diskussi diversi punti. Fost dawn hemm li jsiru xi skambji ta' studenti, korsijiet online u biex meta jkun hemm l-attivitajiet rispettivi, jkun hemm il-possibilità li nipparteċipaw. |

**19.04 Korrispondenza**

19.04.01 Il-Kunsill ġie avviċinat mit-tim tal-volleyball tal-Ħamrun. Huwa qal li tkun ħaġa tassew sabiħa li l-Ħamrun ikollu rappreżentanza f'kull dixxiplina sportiva. Dawn avviċinaw lill-Kunsill biex isir laqgħa meeting magħhom biex jaraw x'tip ta' għajnuna tista ssir. Fil-laqgħa se jkun ukoll preżenti l-monority leader Jean Carl Agius Ciscaldi.

19.04.02 Għal darba oħra ġejna avviċinati minn The Notebook Centre fejn dan ikun qed jagħti servizz bla ħlas lir-residenti fejn jidħol issue bil-kompjuter. L-agreement huwa abbażi ta' sena għal prezz ta' 5K. Il-Kunsill qabel li dan jiġi mġedded.

**19.05 Attivitajiet**

19.05.01 Il-festini tal-Milied tal-anzjani u tat-tfal, huwa mportanti li nħeġġu lin-nies jattendu u jattendu ukoll il-Kunsillieri.

19.05.02 Il-Karnival fil-Ħamrun se jkun qed isir il-Ħadd 8 ta' Frar. Fuq dan se tkun qed issir laqgħa f'Jannar biex ikun hemm stampa aħjar ta' kif se jkun qed isir.

**19.06 Skemi**

19.06.01 Skemi ġew diskussi aktar kmieni, pero s-Sindku informa lill-Kunsillieri li qedin fi stadju tajjeb biex l-iskemi jingħalqu kollha.

**19.07 Dekasteri**

18.07.01 Is-Sindku fakkar fuq l-importanti li kulħadd jara x'jista' jsir fid-dekasteru rispettiv. Jixtieq li kulħadd jipprova jagħmel pjan fuq id-dekasteru tiegħu.

**19.08 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

19.08.01 Il-Kunsillier Mario Calleja qal li forsi tkun ħaġa sabiħa li jsiru attivitajiet f'postijiet ġewwa, bħal f'xi swali li hawn fil-lokal.

19.08.02 L-istess kunsillier qal li qed ikollu xi ilmenti relatat mal-ħmieġ tal-klieb.

19.08.03 Il-Kunsillieri Mario Camilleri qal li id-dwal tal-Milied intogħġob ħafna u qed jara jekk hemmx il-possibilità li jiżdied aktar dawk fejn l-istabbiliment tal-ikel Queens u fit-triq tal-faċċata.

19.08.04 Il-Kunsillier Maria Baldacchino qalet li bdiet il-ħidma flimkien ma' Maria Mallia fuq attività għall-anzjani fil-Palazz tal-Inkwiżitur. Għandhom jingħataw aktar dettalji. Importanti li jkun hemm pjan minn qabel.

19.08.05 Il-Kunsillier Jean Claude Agius Ciscaldi ġibet l-attenzjoni li hemm meta mkissra fi Triq San Tumas.

19.08.06 L-istess kunsillier fakkar fuq mera li hemm bżonn fi Triq Kanonku Bonniċi.

## 19.09 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament

18.08.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 10.2025 ġiet approvata mill-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi u issekondata mill-Kunsillier Vince Bonello.

## 18.09 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Laqgħa li jmiss hija skedata l-Tlieta 13 ta' Jannar, fil-5.30pm.

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv